MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 2459/1999/1

Edward Falzon

Vs

Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-10 ta’ Novembru 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa pulizija u certu zmien ilu u cioe fis-27 ta’ Marzu 1996 huwa kien fuq servizz ta’ patrol u nduna li kien qed isir ‘hold-up’ u rnexxielu, flimkien ma pulizija iehor, li jwaqqaf l-istess ‘hold-up’ minn bank b’mod li ma naqsu l-ebda flus u l-persuna responsabbli giet migjuba quddiem il-qrati u effettivament ammettiet u giet sentenzjata; illi ghal diversi okkazzjonijiet meta kien hemm kazijiet bhal dawn fejn il-pulzija kienu nvoluti f’konflitt armat u wrew kuragg, gew imtella mil-grad ta’ pulizija ghal dak ta’ surgent u dana b’effett immedjat; illi din il-prattika kostanti ma gietx segwita biss fil-kaz ta’ l-attur li rcieva minghand il-

Kummissarju tal-Pulizija semplici certifikat u midalja zghira bhala rikonoxximent; illi fil-kaz ta’ l-attur giet frustrata s-serqa bl-aktar mod komplet u ma naqas l-ebda centezimu mil-bank filwaqt li ukoll ma saret hsara lill-ebda persuna li kienet gewwa l-Bank; illi l-attur kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija fejn intimah li huwa kellu l-jedd li johrog bi promozzjoni bhal ma kienet inghatat recentement meta kien hemm ‘hold-up’ iehor f’Bormla u l-Kummissarju tal-Pulizija ddikjara li kien assolutament fid-diskrezzjoni tieghu jghatix promozzjoni jew le; illi l-esercizzju tad-diskrezzjoni da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-konfront ta’ l-attur ma kienetx fuq bazi ragionevoli u ghall-konsiderazzjonijiet xierqa b’mod li huwa gie mcahhad minn promozzjoni li normalment tinghata; talab li din il-Qorti:-

1. li jigi dikjarat u deciz illi l-konvenut ezercita d-diskrezzjoni tieghu li ma jghatix promozzjoni lill-attur fic-cirkostanzi imsemmija fis-27 ta’ Marzu 1996, meta l-attur ffrustra ‘hold-up’ f’Bank b’riskju ghalih innifsu u b’wirja ta’ qlubija li giet rikonoxxuta biss b’medalja u b’certifikat, kien agir irragjonevoli u mhux ghall-konsiderazzjonijiet gusti, liema ezercizzju ta’ diskrezzjoni jidher iktar irragjonevoli u diskriminatorju meta komparat mal-kazijiet l-ohrajn kollha fejn tali promozzjoni nghatat immedjatament.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u tal-ittra legali, il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-12 ta’ Jannar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. In-nuqqas ta’ fondament guridiku ghall-azzjoni billi ma jezisti ebda dritt illi wiehed jiehu promozzjoni fis-servizz pubbliku u l-Qorti ma ghandha ebda gurisdizzjoni biex tissindika l-organizzazzjoni interna tal-Korp tal-Pulizija skond l-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 billi mizuri li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna ta’ Dipartiment tal-Gvern huma eskluzi mid-definizzjoni ta’”att amministrattiv” f’dak l-artikolu u jaqghu barra s-sindakabilita’ gudizzjarja.
2. Bla pregudizzju illi l-gudizzju tal-esponent dwar ir-rikonoxximent li kellu jinghata lill-agir tal-attur kien wiehed,

xieraq, meqjus u ragionevoli li ma jipprestax ruhu ghar-revizjoni mill-Qorti.
3. Bla pregudizzju illi l-esponent ma mexiex b'mod irragjonevoli jew diskriminatorju jew abbazi ta' konsiderazzjonijiet irrilevanti fil-konfront ta' l-attur u dana jihdu wkoll il-fatt illi l-agir ta' l-attur gie rikonoxxut bl-ghoti lilu tal-"Midalja ta' Qlubija" li hija dekorazzjoni tas-servizz li tinghata fi ftit kazijiet bhala apprezzament ghat-twettieq ezemplari tad-doveri fejn dan ikun meritat. Illi, pero, t-twettiq ta' att illi jirrendi lil min ghamlu eligibbli ghall-'Midalja ta' Qlubija' ma jirrendiex lill-istess awtur ukoll awtomatikmanet eligibbli ghall-promozzjoni ghall-grad ta' Surgent fejn l-idonejita' biex wiehed jokkupa dak il-grad hija necessarjament ukoll konsiderazzjoni. Illi huwa rilevanti ukoll illi l-kazijiet fejn inghataw tali promozzjonijiet ghall-grad ta' Surgent wara att ta' kuragg kienu jinvolvu ferm aktar sogru ghall-hajja tal-Pulizija involuti minn dak fejn kien involut l-attur u tezisti gustifikazzjoni oggettiva ampja ghad-differenza fit-trattament. Di piu, l-attur ma kienx l-uniku membru tal-Kopr tal-Pulizija li wettaq att ta' qlubija u gie premjat biss b'medalja.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-15 ta' Frar 2000 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet mhollija ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Fill-qosor l-ilment ta' l-attur huwa

s-segwenti. L-attur, kuntestabbli fil-Korp tal-Pulizija, hass ruhu aggravat u diskriminat meta ma giex promoss ghal grad ta’ Surgent fl-istess Korp wara li, waqt il-qadi ta’ dmirijietu, irnexxielu, flimkien ma ufficjal iehor, jisfratta tentattiv ta’ hold-up li kien qed jigi attwat f’bank gewwa St. Andrews. L-attur jsostni li filwaqt li membri ohra tal-Korp li kellhom esperjenzi simili gew premjati bi promozzjoni huwa irceva biss certifikat u medalja. L-attur ghalhekk qed jadixxi din il-Qorti sabiex jigi deciz illi meta l-konvenut ezercita d-diskrezzjoni tieghu li ma jaghtihx promozzjoni fic-cirkostanzi msemmija dan kien agir irragjonevoli u mhux ghall-konsiderazzjonijiet gusti, liema ezercizzju ta’ diskrezzjoni jidher aktar irragjonevoli u diskriminatorju meta komparat mal-kazijiet l-ohrajn kollha fejn tali promozzjoni nghatat immedjatament.

Dan premess qed jigi eccepit mill-konvenut li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni biex tezamina l-ilment ta’ l-attur u dana skond il-provvedimenti ta’ l-istess l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jikkonferixxi dan id-dritt lill-Qrati ordinarji. Jinghad ukoll li l-azzjoni attrici ma ghandha ebda fondament guridiku inkwantu ma jezisti ebda dritt li wiehed jiehu promozzjoni fis-servizz pubbliku.

Ikkunsidrat:-

Is-subinciz (1) ta’ l-artikolu 469A jghati gurisdizzjoni lill-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili sabiex jisthargu l-validita’ ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazi elenkati fl-istess artikolu bhal meta tali eghmil jikser il-Kostituzzjoni, jkun ultra vires, jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita’ pubblika jew b’xi mod iehor ikun imur kontra l-ligi. Izda din l-istess setgha moghtija lill-Qorti hija limitata fis-sens li din hija biss intiza sabiex tiddikjara tali atti amministrattivi bhala nulli u bla effett b’dana li l-istess qorti ma tistax ukoll, wara li tiddikjara l-att amministrattiv null, tipprovdi hija stess rimedju amministrattiv. Inoltre d-dritt tal-indagini tal-Qorti hu limitat ghal dawk l-atti amministrattivi elenkati fis-subinciz (2) tal-istess artikolu. Hemm insibu li “eghmil amministrattiv” soggett ghall-iskrutinju tal-Qorti in forza ta’ l-istess artikolu jikkonsistu fil

"*hrug ta' kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghat-talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika,"* Dan is-subinciz izda jkompli jghid li "eghmil amministrattiv" *li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'* ma jistax jigi mistharreg mill-qrati ta' gustizzja ta' kompetenza civili. Jidher ghalhekk li filwaqt li dan l-artikolu huwa mahsub sabiex jittempera b'xi mod is-supremazzija tal-Istat billi jippermetti l-indagini gudizzjarja f'dawk l-atti li emanu mill-organi tieghu meta jolqtu b'mod avvers l-individwu, l-indagini hija limitata ghal kazi partikolari u ma tista' qatt tigi adita l-Qorti ghall-ezami ta' dawk l-atti li jsiru bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna. Din hija proprju s-sottomissjoni tal-konvenut li qed jsostni li d-dritt li huwa jaghti promozzjoni lill-persuna fis-servizz pubbliku huwa att ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna u, bhala tali mhux sindakabbli.

Waqt is-sottomissjonijiet orali saret referenza mill-abbli difensur tal-attur ghall-izviluppi gurisprudenzjali fl-interpretazzjoni tas-subinciz (6) ta' l- Artikolu 469A li jitkellem dwar ir-relazzjoni specjali li tinholoq f'servizz mal-Gvern billi jghid li dan huwa regolat b'disposizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern, infatti dan is-subinciz jghid li "*ebda ligi jew disposizzjoni taghha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratt ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tabblika, ghal servizz mal-Gvern hlief safejn dik il-ligi ma tipprovdix xort'ohra.*"

Il-principju enuncjat f'dan is-subinciz ta' l-artikolu 469A huwa dejjem citat mill-amministrazzjoni fil-kawzi li jigu istitwiti kontriha minn membri tas-servizz pubbliku meta jigi allegat li saret xi ingustizzja fil-konfront taghhom mill-employer, u dana billi dejjem jigu ritenut mill-amministrazzjoni li r-relazzjoni naxxenti minn tali impieg hija wahda specjali li ma taghtix lill-impjegat fis-servizz pubbliku l-vantagg tal-protezzjoni ta' ligijiet specjali, socjali li jirregolaw il-kondizzjonijiet ta' xoghol, l-ingagg, it-tkeccija u naturalment il-hlas ghax-xoghol prestat, b'mod li tigi avvantaggata l-amministrazzjoni pubblikaa skapitu tal-

impjegat civili. Jidher pero' li din it-teorija tad-Dritt Amministrattiv Ingliz tan-"non legal nature of the civil service" illum giet konsiderevolment imxellfa. Infatti l-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll xi pronunzjamenti tal-Qorti ta' l-ewwel grad, irretenew li meta jirrizulta ksur tal-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta' impieg ezistenti bejn il-Gvern u l-ufficjal pubbliku, il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt li tindaga izda li ukoll, jekk ikun mehtieg, tordna rimedju. Ara f'dan ir-rigward "Carmelo Magri vs Kummissarju tal-Pulizija et" deciza mill-Onor Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998, kif ukoll dik aktar recenti fil-kaz ta' "Helen mart Vincent Borg et vs Il-Prim Ministru et" deciza fid-9 ta' Frar 2001.

L-attur qed jibbaza d-difiza tieghu ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut proprju fuq il-pronunzjamenti tal-Onor Qorti ta' l-Appell fis-sentenzi fuq citati billi jsostni li jghid x'jghid is-subinciz (2) tal-Artikolu 469A din il-Qorti ghandha mhux biss d-dritt izda ukoll l-obbligu li tindaga f'kull kaz ta' ilment mressaq minn impjegat tas-servizz civili. Wara ezami tal-insenjamenti tal-Onor Qorti ta' l-Appell din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-abbli difensur ta' l-attur li dawn il-pronunzjamenti ghandhom jiddirigu din il-Qorti sabiex tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u dana billi l-azzjoni odjerna ma tinkwardax fil-principji enuncjati fl-istess gurisprudenza. Infatti fil-kaz sottoezami mhux qed jigi allegat xi ksur tar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn l-attur u l-konvenut, bhal ma kien hemm fil-kazi imsemmija, izda l-ezercizzju ta' diskrezzjoni b'mod irragjonevoli u diskriminatorju. Kif sewwa gie osservat mill-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu bhala fatt ma jezisti ebda dritt ta' promozzjoni fis-servizz pubbliku. Din is-setgha li jaghmel hatriet ghall-karigi ufficjali u li jnehhi, u li jezercita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jagixxu f'xi karigi bhal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jagixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. (Art. 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta). Dan id-dritt jista' jigi delegat lill-ufficjal pubbliku jew awtorita'.

Din il-Qorti ghalhekk, kuntrarjament ghal dak li gie enuncjat fis-sentenzi citati ma tistax tezamina l-aspett tal-

kwistjoni mill-prospettiva ta' obbligi kuntrattwali billi f'dan il-kaz dawn ma jezistux. Id-diskrezzjoni uzata mill-konvenut fir-rigward ta' l-attur mhux sindakabbli minn din il-Qorti billi fl-ewwel lok ma tinkwadrax fid-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi att amministrattiv li huwa sindakabbli a termini ta' l-artikolu 469A. Fit-tieni lok d-dritt tal-konvenut li jghati jew ma jghatix promozzjoni f'cirkostanzi partikolari jammonta ghall-att maghmul bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna u l-ezercizzju ta' dan id-dritt ghandu jithalla fid-diskrezzjoni tal-konvenut li, biex jasal ghad-decizjoni tieghu, ghandu jiehu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha relevanti fl-interess tas-servizz pubbliku u tan-nazzjon in generali. (Art. 110 (2)c, tal-Kostituzzjoni ta' Malta). Fl-ezercizzju ta' dan id-dritt ghandu jigi accertat li ma jkun hemm ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza minhabba l-fehma politika ta' dak li jkun, fliema kaz din il-Qorti jkollha gurisdizzjoni – haga li ma hijiex qed tigi allegata fil-kaz in ezami.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tastjeni milli tikkunsidra l-ilment ta' l-attur minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni, bl-ispejjes kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri